**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 345/2009**

**Illum: 4 ta' Marzu 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Massimo Caruana**
**(ID 91880(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Massimo Caruana ta' 28 sena, bin Edwin u Anna nee` Bezzina, imwieled Attard fit-23 ta' Jannar 1980 u prezentement mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 91880(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Frar 2007:

a) Talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, gewwa l-Isptar Monte Karmeli, minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova

jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu, specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi;

b) Ukoll talli ittenta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza dwar il-Medicina (Kap. 101) jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat u cioe` lil Ruth Mifsud bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) U fl-ahhar nett talli huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif ukoll illi huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, l-imputat talab li jirtira l-ammissjoni registrata minnu fit-22 ta' Marzu 2010, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2015, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa kkonfermaha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni tieghu u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d), kif migjuba kontra tieghu, izda fir-rigward tal-imputazzjoni (b) tirrileva s-segwenti:

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli ittenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew talli hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel reat u cioe` lil Ruth Mifsud bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-istess Kapitolu 101. L-imsemmi sub-artikolu tal-Artikolu 22 jghid hekk:

"*Kull min jittenta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza, jew ihajjar jew igieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat, jehel, meta jinsab hati, minghajr pregudizzju ta' kull responsabbilta` ohra, l-istess piena u konfiska daqs li kieku ikkommetta reat taht din l-Ordinanza.*"

Effettivament kull ma jaghmel dan is-sub-artikolu huwa li in kwantu jirrigwarda l-piena, iqieghed it-tentattiv fuq l-istess livell tar-reat kkunsmat u jistabilixxi l-istess piena ghall-komplici bhal dik stabbilita ghall-awtur. Mhux il-kaz ghalhekk illi dan is-sub-artikolu johloq xi reat iehor kontra l-Ordinanza. Minn qari tal-imputazzjoni (b) jirrizulta car illi l-imputat gie sempliciment akkuzat bit-tentattiv ta' reat kontra l-Ordinanza jew bil-komplicita` f'reat kontra l-istess Ordinanza, minghajr madankollu ma gie indikat fl-istess imputazzjoni dwar liema reat partikolari, taht l-istess Ordinanza, sar it-tentattiv jew f'liema reat partikolari huwa kien komplici. L-ammissjoni hija dejjem marbuta mar-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet li jingiebu kontra l-imputat u xejn izjed minn hekk u certament illi m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tindaga fl-atti sabiex tissupplimenta ghan-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li ma ndikat bl-ebda mod fl-istess imputazzjoni dwar liema reat kien allegatament sar it-tentattiv da parti tal-imputat jew f'liema reat l-imputat kien allegatament komplici. Fil-fatt kif inghad diga`, din l-imputazzjoni kif impostata ma tikkontemplax ir-reat specifiku. Issegwi naturalment id-domanda: dwar liema reat allura kien l-imputat qieghed jammetta t-tentattiv jew il-komplicita` tieghu? Huwa evidenti illi din l-imputazzjoni ma gietx impostata

tajjeb u ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li la ghandha tillibera u lanqas issib htija ta' imputazzjoni li ma tikkontemplax ir-reat. Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi ma tistax hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset illi mill-atti jirrizulta illi s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni waqt li huwa kien jinsab mizmum gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli kienet droga eroina, bil-piz tat-trab ammontanti ghal 0.07 grammi u ghalhekk piz minimu. Jirrizulta wkoll illi dak iz-zmien, l-imputat kien detenut gewwa l-istess *Forensic Unit* u kien jinsab f'cella numru 7. Ghaldaqstant, f'dan il-kaz, fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, huwa applikabbli l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi diversi kundanni fosthom dwar reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, hsara volontarja, diversi reati kontravvenzjonali, reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9, serq aggravat, attentat ta' serq aggravat, traffikar u pussess ta' droga eroina, fil-waqt illi qieset ukoll mill-banda l-ohra, illi l-ahhar kundanna tirrisali ghas-sena 2009.

Il-Qorti mhijiex tqis illi l-ammissjoni tal-imputat kienet wahda bikrija, stante illi kif inghad izjed 'il fuq, ghalkemm huwa kien irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta tat-22 ta' Marzu 2010, biss sussegwentement irtira din l-ammissjoni tieghu u imbaghad rega' irregistra ammissjoni fl-ahhar seduta tas-26 ta' Ottubru 2015, apparti li matul dan iz-zmien, baqghu jinstemghu l-provi. Qieset ukoll illi minkejja dan, jirrizulta illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat ukoll li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid hekk:

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina … il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*" [sottolinear tal-Qorti].

Dan ifisser illi l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 u t-tnaqqis fil-piena hemmhekk ikkontemplat huwa applikabbli biss fir-rigward ta' reati kontra l-Ordinanza u dan meta l-persuna misjuba hatja tkun ghenet lill-Pulizija sabiex taqbad lil dik il-

persuna li pprovdietilha d-droga. Issa fil-kaz odjern, ghal xi raguni, il-Prosekuzzjoni ma addebitatx lill-imputat bir-reat tal-pussess tad-droga eroina ossia reat kontra l-Ordinanza, izda bir-reat kkontemplat fl-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 ossia l-Att dwar il-Habs. F'dan is-sens il-Qorti m'hijiex qed issib lill-imputat hati ta' reat kontra l-Ordninanza izda ta' reat kontra l-Att dwar il-Habs, liema reat madankollu, necessarjament jikkontempla reat kontra l-Ordinanza. Il-Qorti jidhrilha illi l-imputat m'ghandux jigi ppregudikat minhabba n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li taddebitah ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga eroina kontra l-Ordinanza meta dan kien jirrizulta car u meta tali reat serva wara kollox bhala l-mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tapplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Qieset ukoll illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 m'humiex applikabbli ghar-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (c), stante illi ma jirrizultax illi l-imputat kixef il-persuna li provdietu b'din id-droga, izda illi d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni kienet specifikatament intiza fir-rigward tad-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-imputat gewwa l-Isptar Monte Karmeli.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **erba' (4) xhur prigunerija effettiva**.

Ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (b).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati sabiex ihallas nofs l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, stante li din kienet tinvolvi wkoll investigazzjoni dwar terza persuna, u cioe` nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' tmienja u sebghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€78.33), nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Avukat Dottor Stefano Filletti, ammontanti ghas-somma ta' mija, tnejn u tmenin Euro u disa' centezmi (€182.09) u nofs l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 602 Jonathan Attard ammontanti ghas-somma ta' tnax-il Euro, wiehed u tmenin centezmu

(€12.81), ammontanti b'kollox tali spejjez ghas-somma ta' mitejn, tlieta u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€273.23), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont imsemmi jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz ta' droga esebiti fl-atti tal-process verbal dwar l-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat